MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 278/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 t'Awissu 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg fit-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u erbgha' u disghin (1994), skond certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok "A";

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b'anomalija

psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens ta’ l-attrici wkoll kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Jigi dikjarat u deciz illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-12 ta’ Gunju 1994 huwa null u bla effett *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fit-12 t’Awissu 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ tletin (30) gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura ta’ l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tieghu, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat in-nota ta’ l-attrici **A** datata 14 ta’ Dicembru 2004 li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha, ta’ ohtha **Charlene Bonello**, tal-genituri taghha **John** u **Rita Bonello**, u ta’ **Romina Azzopardi** lkoll datati 9 ta’ Dicembru 2004.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 17 ta’ Jannar 2005 li permezz taghha esebiet l-affidavit t’ohtha **Caroline Zammit** datat 14 ta’ Jannar 2005.

Rat in-nota tal-konvenut datata 26 ta’ Jannar 2005, iffirmata mid-difensur tieghu Dr. Deborah Farrugia, li permezz taghha nforma lill-Qorti filwaqt li rcieva sitt affidavits ta’ l-attrici ghadu ma giex notifikat bic-citazzjoni odjerna, u ghalhekk irriserva li jirrispondi ghall-istess u jaghmel l-affidavits tieghu fi stadju ulterjuri.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Frar 2005 fejn deher biss Dr. Marco Ciliberti ghall-attrici u l-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia sabiex wara l-gheluq ta’ zmien ghall-prezentata ta’ l-affidavits jiffissa zewg seduti ghall-kontro-ezamijiet rispettivi. Aktar tard deher il-konvenut assistit minn Dr. Deborah Farrugia li ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-21 ta’ Frar 2005 a fol. 31 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi z-zwieg tal-kontendenti gie ccelebrat fit-12 ta’ Gunju 1994 u mhux kif indikat fic-citazzjoni bhala t-12 ta’ Ottubru 1994.

2. Illi l-eccipjent jaqbel mat-talba attrici sabiex din il-Qorti tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti null u bla effett u dana a bazi tal-fatt illi l-kunsens ta’ l-attrici nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

3. Illi l-eccipjent jaqbel li l-kunsens ta’ l-attrici kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-eccipjent qed jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta’ din il-Qorti f’dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-ligi ghal dawn il-fatti.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 32 u 33 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut **B** datata 4 t’April 2005 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu, u dawk ta’ **Anthony Portelli** u **Ruth Schembri** datati 29 ta’ Marzu 2005.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fis-7 t’April 2005 u fl-4 ta’ Mejju 2005 fejn sar il-kontro-ezami ta’ l-**attrici**.

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 9 ta’ Mejju 2005 li permezz tieghu talbu lill-Qorti sabiex takkordalhom tliet seduti ohra sabiex isiru aktar kontro-ezamijiet, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet ta’ l-10 ta’ Mejju 2005.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Gunju 2005 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex izomm is-seduti kollha rikjesti ghall-gheluq tal-provi, u pprefiggiet terminu ta’ erbghin gurnata lill-attrici biex tipprezenta nota t’osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghal sentenza *in difetto ostacolo* ghat-30 ta’ Novembru 2005.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fit-22 ta’ Gunju 2005 fejn xehdet l-attrici **A** in kontro-ezami; tat-28 ta’ Gunju 2005 fejn sar il-kontro-ezami tal-konvenut **B**; u tas-6 ta’ Lulju 2005 fejn tkompla l-kontro-ezami tal-konvenut, u sar ukoll il-kontro-ezami ta’ **Ruth Schembri** oht il-konvenut.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 18 ta’ Lulju 2005 fejn talbet estensjoni fit-terminu sabiex tipprezenta n-nota t’osservazzjonijiet taghha, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet ta’ l-20 ta’ Lulju 2005.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici datata 3 t’Awissu 2005.

Rat id-digriet datat 5 ta’ Awissu 2005 fejn din il-Qorti ordnat il-korrezzjoni tac-citazzjoni attrici u tat-talba attrici

fis-sens li d-data taz-zwieg bejn il-partijiet ghandha tkun dik indikata mill-konvenut fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu u cjoe’ d-data tat-12 ta’ Gunju 1994 kif jidher mic-certifikat taz-Zwieg relattiv Numru 940/1994 esebiet a fol. 5 tal-process u ghalhekk tordna l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-istess att tac-citazzjoni, inkluz fit-talba attrici u fl-atti kollha relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici talbet li z-zwieg celebrat jigi dikjarat null u minghajr effett u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) sub-inciz (d) ta’ l-Att tal-1975 Dwar iz-Zwieg**.

Illi dan jipprovdi s-segwenti:

*“**19 (1)** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, zwieg ikun null – omissis:*

***d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** jipprovdi li l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma’ persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma’ dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita’ ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-*commitment* li jikkomporta z-zwieg, u cjoe` *commitment* li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza nostrali jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

Illi dan ma jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet, u cjoe` ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-kontront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, gie studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva ... ... La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmenfe quella*

*adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emottotivita' che se sono turbati o inadeguati intraccano direttamente la volonta' e possono privare della liberta scelta interiore ... … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il* ***grado*** *di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.” (***Il Diritto Canonico Matrimoniale** - ***Bersini*** *- Torino 1994).*

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, il-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe` dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni ntima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser li l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma taghtix definizzjoni ta' x’inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonjiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut jirreferi wkoll ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** u jallega li l-kunsens ta’ l-attrici kien anke vizzjat b’dan il-mod.

Illi fil-fatt fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad li z-zwieg ikun null:

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja' Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP) u diversi sentenzi li kkonfermaw l-istess principji u ghalhekk issir riferenza ghall-istess.

Illi l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *('colorem habens, substantiam vero nullam')* kif ukoll dak parzjali *('colorem habens, substantiam vero alteram')* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine*".** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. - 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu."*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X, p. 912) :-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' fictio seu ostensio falsi pro vero."*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a*

*priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula lkunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali."*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg."*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*'consortium vitae'* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet din il-Qorti fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power."*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary"**. pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract".*

**(ii) Apprezzament tal-Provi.**

Illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fit-12 ta' Gunju 1994 u jidher li l-attrici kellha dsatax-il sena f'dak iz-zmien mentri l-konvenut kellu hamsa u ghoxrin. Skond il-kontendenti qabel ma zzewgu kien ilhom flimkien bhala koppja sa minn meta l-attrici kellha tlettax-il sena. Ghalkemm din tidher li hija eta' ferm zghira sabiex tfajla tibda tohrog ma' guvni, jidher li din ma kinetx problema ghal hadd mill-partijiet. B'hekk jirrizulta li l-partijiet f'din il-kawza damu johorgu flimkien mas-sitt (6) snin qabel ma zzewgu. Normalment tista' tinghata l-impressjoni li dan kien zmien bizzejjed ghall-preparazzjoni tal-koppja sabiex tiehu l-istat taghha u tidhol f'din l-ghaqda unika u mportanti fis-socjeta' taghna, izda mill-assjem tal-provi prodotti din il-Qorti thoss

li tali zmien ma giex utilizzat sew mill-partijiet sabiex jifhmu sew ghaliex verament kienu dehlin meta kienu ser jaghtu l-kunsens taghhom taz-zwieg.

Illi fl-ewwel lok jidher car li l-attrici kienet zghira wisq sabiex tibda din it-tip ta’ relazzjoni serja mil-ewwel. L-affarijiet ma gewx mghejjuna mill-fatt li l-genituri taghha pprovdewlha art sabiex tigi zviluppata mill-koppja biex ikollhom fejn jghixu, b’dan li mill-ewwel bdiet il-hidma mill-konvenut sabiex l-istess post jinbena. Minn hawn ’il quddiem kompla naqas il-perjodu ta’ komunikazzjoni bejn il-partijiet, li t-tnejn li huma nfexxew f’xoghlhom u l-konvenut intefa’ bis-serjeta’ sabiex bl-ghajnuna ta’ missieru tinbena l-istess dar. L-attrici ammettiet hawnhekk li hija mhux biss iddistakkkat ruhha mill-konvenut, izda *a dirittura* l-prezenza tieghu biss kient saret iddejjaqha. Hija ressqet diversi argumenti sabiex tipprova tiggustifika ruhha ghaliex kienet qed thoss dan, fejn anke ndikat li r-raguni principali kienet li l-konvenut kien mohhu biss li jlesti dan il-fond. Hija semmiet ukoll ragunijiet ohra fosthom l-indhil ta’ omm il-konvenut kif ukoll id-diversi restrizzjonijiet li din kienet imponiet fuqu. Fil-verita’ izda jidher car li mill-mod kif xehdet l-attrici din ma kellha l-ebda sentiment ta’ mhabba lejn il-konvenut u kellha seba’ mitt sena sakemm taqta’ r-relazzjoni mieghu – haga li fil-fatt ghamlet fis-sena 1993.

Illi jidher li f’dan il-perjodu meta hassret mal-konvenut hija kellha relazzjoni ma’ persuna ohra, ma’ min anke kellha diversi relazzjonijiet intimi. Minkejja dan xorta wahda wara xahrejn irrangat mill-gdid mal-konvenut, peress li skond l-attrici dan kien insista hafna maghha. Din il-Qorti thoss li jirrizulta li l-attrici kienet deluza mir-relazzjoni li kellha li mhux car ghaliex din intemmet hekk hesrem. Barra minn hekk l-attrici kien qed ikollha xi nkwiet ma’ ommha, u spiccat sabet refugju fil-konvenut, tant li minkejja li hija kienet konxja tal-fatt li assolutament ma kenitx thobbu, huma ffissaw id-data taz-zwieg mill-ewwel u zzewgu. Ghalkemm minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifel li kien anke mixtieq mill-attrici, din qatt ma accettat li thobb lill-konvenut bhala zewgha. F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li l-kunsens ta’ l-attrici kien

vizzjat minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-elementi tal-hajja mizzewga minhabba li l-immaturita' ta' l-attrici rrendietha nkapaci li tapprezza l-impenn necessarju ghall-hajja mizzewga, u li sabiex taghmel dan il-pass l-element ta' mhabba lejn ir-ragel hija wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg – u minghajr dan qatt ma seta' jkun hemm impenn serju u permanenti ghall-hajja mizzewga mal-konvenut. F'dan il-kuntest il-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi ma hemm l-ebda dubju li tul il-perjodu li hargu flimkien il-konvenut kellu okkazjoniet fejn seta' nduna li l-attrici ma kenitx thobbu – bizzejjed wiehed jara r-reazzjoni tieghu meta l-attrici qaltlu fis-sena 1993, wara sitt snin johorgu flimkien li hija kienet ser thassar ir-relazzjoni ta' bejniethom. Dan minkejja l-fatt li huwa jistqarr li kien jaf li l-attrici kellha relazzjoni ma' ragel iehor. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien konxju tal-fatt li wara li l-attrici spiccat din ir-relazzjoni ma' terza' persuna, ma' min hija sahansitra kellha relazzjonijiet intimi – huwa ghalkemm hassu ovvjament dispjacut, mhux biss rega' beda relazzjoni maghha, izda ghaggel sabiex fi zmien qasir isehh iz-zwieg – qisu ma riedx jitlef l-okkazjoni li regghet giet quddiemu li jizzewweg lill-attrici – mara (jew ahjar tfajla) ma' min kien ilu johrog minn mindu kellha biss tlettax-il sena. Dan xorta ghamlu *nonostante* l-fatt qal li kien hadha bi kbira hafna meta sar jaf li l-attrici kellha relazzjonijiet sesswali ma' haddiehor fi zmien qasir li ghamlu mifrudin. Izda kien proprju f'dan il-mument li huwa ha d-decizjoni flimkien ma' l-attrici li jizzewweg – haga li jghid li ghamel ghaliex kellu kollox ppreparat ghaz-zwieg u ma riedx jaffaccja lill-genituri tieghu li huwa kien hassar tali preparamenti.

Illi jidher car mir-rakkont tal-konvenut li dak li kien ihoss ghall-attrici qabel ma sar jaf b'din ir-relazzjoni taghha ma' haddiehor biddel dak kollu li huwa kien ihoss ghaliha. Fil-fatt din il-Qorti thoss li l-konvenut kien infattwat bl-attrici u dan kien anke rifless mill-fatt li minn kif raha bhala tifla huwa mill-ewwel riedha ghalih – u ma setax jimmagina li din il-persuna qatt seta' jkollha relazzjoni ma' haddiehor. Kien ghalhekk ta' dizappunt kbir ghalih, u wasal biex izzewwigha biss ghaliex ma riedx jiddizappunta lill-genituri

tieghu bl-ahbar li kien ser ihassar it-tieg. Dan juri b'mod car li emozjonalment u psikologikament il-konvenut ma kienx f'pozizzjoni li jaghmel decizjonijiet ta' mpenn permanenti u fuq kollox ghaz-zwieg ma' l-attrici. Fuq kollox jidher li l-istess konvenut ammetta li huwa ma kienx jizzewweg lill-attrici kieku mhux ghaliex kellu jaghti l-ahbar lill-genituri tieghu li kien hassar kollox – ghalkemm wara l-istqarrija ta' l-attrici huwa ried ihassar kollox maghha ghax certament ma baqax jaraha fl-istess dawl. Indubbjament dan kollu juri n-nuqqas serju tal-konvenut li anke japprezza s-sitwazzjoni li kien fiha, u wisq izjed li jindika li dan ma kienx f'mument li jaghmel impenn bhal dak li kien diehel ghalih, specjalment ma' persuna li huwa kien qed jara f'dawl ghal kollox negattiv, u li ghalih naqqsitu sew. Ir-raguni li jizzewweg sabiex ma jinkwetax lill-genituri tieghu ma huwiex l-impenn rikjest ghall-unjoni ta' ragel u mara fiz-zwieg – u ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti li l-istess konvenut fil-mument ta' ghoti tal-kunsens tieghu taz-zwieg kien affett b'nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha u ma kienx kapaci f'dak il-mument li jaghti kunsens validu taz-zwieg. F'dan is-sens il-kunsens tieghu kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi f'dan il-kuntest ma kienx jidher li r-relazzjoni tal-partijiet setghet izzomm ghal zmien permanenti. Fil-fatt mill-ewwel kien hemm dizgwid bejn il-partijiet li lanqas it-twelid ta' wild bejniethom ma ghen biex il-problema tigi solvuta – ghaliex il-verita' hadd ma' jista' jahbiha, u l-partijiet anke sseparaw *de facto* f'Marzu 2001 u f'Lulju 2001 sseparaw legalment. L-attrici anke kellha tarbija fis-7 ta' Ottubru 2001 minn relazzjoni ma' persuna ohra ma' min kienet qed tghix, filwaqt li l-konvenut wara s-separazzjoni kellu relazzjoni ma' persuna orha wkoll.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tant li ordnat il-korrezzjonijiet necessarji, u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut biss in kwantu l-

istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-12 ta' Gunju 1994 huwa null u bla effett *stante* li l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------